MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Numru. 798/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**vs**

**Shawn(John) Bugeja**
**Sean Henry Bugeja**
**Nadia Bugeja**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Shawn(John) Bugeja ta' 35 sena iben Alfred u Salvina Ellul imwieled Pieta' fl-14 ta' Gunju 1972 u residenti Levant, Triq il-Qaliet, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita' numru 266872(M) u l-imputat Sean Henry Bugeja ta' 18-il sena iben Shawn(John) u Nadia Perrett imwieled Pieta' fil-15 ta' Settembru 1989 u residenti Levant Triq il-Qaliet, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 580089(M) u l-imputata Nadia Bugeja ta' 36 sena mart Shawn(John) Bugeja u bint

George Henry Perrett u Mary Rose Borg imwielda Pieta' fis-27 ta' Mejju 1971 u residenti Levant, Triq il-Qaliet, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 245071(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fil-25 ta' Settembru 2007 gewwa Tas-Sliema ghal habta tas-1.30p.m. b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ingurjaw, heddu jew ghamlu offizi fuq il-persuni ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija hekk kif iccertifika Dr. Bjorn Buhagiar M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

b) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

c) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jhedd indahala fi dmiru billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

d) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

e) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebbew kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghamlulhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamlu lil diversi membri tal-Korp tal-Pulizija ingurji jew theddid jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provoakzzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkagunaw offizi ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Bjorn Buhagiar M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, fuq diversi membri tal-Korp tal-Puliziaj u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Settembru 2007 esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza tieghu surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Frar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnhom u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali netta, kif ukoll ikkunsidrat it-trapass taz-zmien, ikkunsidrat l-fatt li huma ukoll skuzaw ruhhom ghall-akkadut u li l-Ufficjal Prosekutur ghall-membri tal-Korp tal-Pulizija accetta l-iskuza. In kwantu jirrigwarda l-imputat Sean Henry Bugeja, l-Qorti kkunsidrat l-eta' zghira tieghu kif ukoll l-involviment minimu tieghu fl-akkadut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(ee), 338(dd), 339(1)(d)(e) u 221 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputati Shawn (John) Bugeja u Nadia Bugeja bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor ghall-zmien tmintax(18)-il xahar millum u lill-imputat Sean Henry Bugeja inkondizzjonalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------